Lir-Residenti tan-Nadur

Għeżież Residenti,

Matul l-aħħar snin rajna is-servizz tal-ġbir tal-iskart jinbidel radikalment u minn sitwazzjoni fejn l-iskart kien kollu jintrema f'daqqa u jitħallat illum qed nisseparaw dak kollu li jista' jiġi separat. Grazzi għalikom illum il-maġġoranza kbira tar-residenti tagħna jisseparaw l-iskart b' mod tajjeb ħafna.

Issa jmiss li nagħmlu pass ieħor f'dan il-proċess biex l-iskart kollu li jista' jiġi riċiklat jkun użat għar-riċiklaġġ. Kien għalhekk illi fl-aħħar jiem il-Kunsill Lokali ddeċieda li jneħħi l-Open Skips li hemm fl-area magħrufa bħala Ta' Xurdin, ftit il-bogħod miċ-ċimiterju l-ġdid tan-Nadur.

Il-lokalita' tagħna hija minn tal-aħħar f'Għawdex li qed tneħħi dawn l-open skips wara li nfetaħ is-Civic Amenity Site f'Tal-Kus, ix-Xewkija. Infatti minn kemm ilu li nfetħet din il-faċilita' ftit tas-snin ilu, ftit ftit il-Kunsilli Lokali kollha f'Għawdex neħħew l-open skips. B'hekk l-iskart li kien jintrema' fihom b' mod imħallat issa qed jittieħed fis-Civic Amenity Site, fejn jintefa' f'kontenituri apposta skont x'tip ta' skart ikun.

Innutajna wkoll li ħafna nies minn lokalitajiet oħra kienu qed jiġu jarmu l-iskart tagħhom f'dawn l-iskips fin-Nadur bl-ispiża biex jitbattlu tinġarr mill-budget tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Dan ma kienx għadu sostenibbli għal Kunsill Lokali. Barra minn hekk, ir-regoli l-ġodda fuq il-ġbir ta' skart goff fl-iskips ġab obbligi kbar fuq l-istess Kunsill, tant li ma jistax jitħallat l-iskart fihom u anke rridu navżaw dwar dak li ser jintrema' fl-open skips minn ġranet qabel. Din hija xi ħaġa li l-Kunsill żgur ma għandux riżorsi biex jagħmilha u ma jista' jkun jaf qatt bl-eżatt x'ser jintrema'.

Għalhekk qed ninfurmawkom u nħeġġukom biex b'effett mill-1 ta' Novembru, 2016, għar-rimi ta' skart goff tagħmlu użu:

- mis-Civic Amenity Site ta' tal-Kus fix-Xewkija li tkun miftuha kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd u anke festi mis-7.30am sal-5.30pm, jew;
- mis-servizz tal-bulky refuse mid-djar (aktar regolat) li joffri l-Kunsill Lokali tan-Nadur kull nhar ta' Tnejn. Infakkrukom li kulħadd irid jinforma lil Kunsill Lokali b'dak li ser jarmi eżatt sal-Ġimgħa ta' qabel f'nofsinhar u dan għax l-Kunsill irid jinforma lill-awtoritajiet b'dak kollu li qed jinġabar.

Il-Kunsill ser jkompli jaħdem biex ikollna l-aqwa servizz ta' ġbir ta' skart kif ukoll biex nisseparaw dak kollu li jista' jiġi separat.

Sadanittant nħeġġukom ukoll sabiex tagħmlu użu tajjeb mill-Bring-in-Sites li għandna fi Triq it-Tiġrija, f' Tal-Ħali u f'San Blas. Ħadd ma jista' jitfa' fihom skart li mhux permess li jintefa' fil-Bring-in-Sites. Mhux permess ukoll li jitħalla skart barra ħdejn l-istess Bring-in-Sites. Il-Kunsill ser jieħu passi kontra min jinqabad juża ħazin il-Bring-in-Sites.

Grazzi tal-koperazzjoni taghkom.

Dejjem tagħkom,

Edward Said
Sindku – Nadur

MAYOR
Edward Said (MSc Finance, B.Com (Hons)

COUNCILORS
Eucharist Camilleri Deputy Mayor, Dr. Josianne Cutajar (LL.B., Dip. Not., LL.D. Melit.),
Michael Camilleri, Dr. Rita Mifsud (B.A. LL.D.)

EXECUTIVE SECRETARY
Sue Ellen Bugeja

ADDRESS
Nadur Local Council
North Street, Nadur, NDR 1222,
Gozo, Malta.

TEL. NUMBER
(+356) 21558080

FAX NUMBER
(+356) 21558055

WEBSITE
www.nadur.gov.mt

E-MAIL
nadur.lc@gov.mt

To the Residents of Nadur

Dear Residents,

In recent years, we have experienced a radical change and improvement in our waste collection services – from an extreme of zero separation to a situation where most waste is being separated. Thanks to you, most of our residents are successfully separating their waste for recycling.

The next step is to ensure that even more waste that can be recycled, is recycled. For this reason, the Local Council has recently decided to remove the Open Skips from the Ta' Xurdin area (next to the new Nadur cemetery).

Our locality is one of the last in Gozo to remove these skips following the opening of the Civic Amenity Site at Tal-Kus, Xewkija. Since the opening of this site, all the Local Councils in Gozo have gradually removed their open skips. Waste that was previously thrown randomly into the open skips is now taken to the Civic Amenity Site where it is separated according to the type of waste.

In the meanwhile, we had noticed that people from other localities had been making use of the open skips in Nadur with the great expense of emptying the skips even more frequently being borne by the Nadur Local Council. Besides the unsustainable expense, new regulations regarding bulky waste collection in skips were imposed. Bulky waste must now also be separated according to type and the Council would also have to advise the authorities about what is going to be thrown into the open skips several days in advance. The Nadur Local Council does not have the resources to carry out such a service, nor to monitor exactly what is being thrown away.

Therefore, as from 1st November 2016, we encourage you to dispose of your bulky waste:

- at the Civic Amenity Site at tal-Kus, Xewkija, open 7 days a week, including holidays from 7:30am to 5:30pm, or;
- through the door-to-door bulky refuse collection service (according to recent regulations) offered by the Nadur Local Council every Monday. You are kindly reminded that, to make use of this service, you must inform the Local Council by noon on Friday, telling them exactly what is to be collected as such information must then be passed on to the authorities.

The Council will continue to work to provide the best waste separation and collection services.

We also encourage you to continue to efficiently use the Bring-In Sites at Racecourse Street, Tal-Hali and San Blas. Only permissible waste may be thrown in the Bring-In Sites and no waste is to be left outside or beside the skips. Action will be taken against offenders.

Thank you for your co-operation.

Yours truly,

Edward Said
Mayor of Nadur

MAYOR
Edward Said (MSc Finance, B.Com (Hons)

COUNCILORS
Eucharist Camilleri Deputy Mayor, Dr. Josianne Cutajar (LL.B., Dip. Not., LL.D. Melit.), Michael Camilleri, Dr. Rita Mifsud (B.A. LL.D.)

EXECUTIVE SECRETARY
Sue Ellen Bugeja

ADDRESS
Nadur Local Council
North Street, Nadur, NDR 1222,
Gozo, Malta.

TEL. NUMBER
(+356) 21558080

FAX NUMBER
(+356) 21558055

WEBSITE
www.nadur.gov.mt

E-MAIL
nadur.lc@gov.mt